Minuti tal-23 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 20 ta' Ġunju 2011, fis-6.00pm

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Vici Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis |
| | Mario Buħaġiar |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kullħadd preżenti

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda – Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija mis-Sindku u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija.

3.1. L-ewwel pagament tal-proġett tal-Belveder tħallas u daqt imiss it-tieni pagament.Il-Perit qiegħed jibża jgħidilna li s-somma totali ser tammonta għal madwar €70,000. Is-Sindku qal li tajjeb li s-Sur Charles Buħaġiar jiġi sa' fuq il-post għaliex is-somma ser taqbeż kull stima li kienet saret.

3.2. Il-Water Services Corporation aċċettaw jagħmlu ix-xoghol ta' kumnikazzjoni tad-drenaġġ fis-sit tal Proġett ta' l-isports centre u l-istima ser tqum madwar €38,000.

3.4. Is-Sindku tkellem fuq it-Town Twinning u qal li hemm bżonn ta' aktar informazzjoni fuq kif ser jittella' l-programm . Is-Sur Valvo qal ukoll li tajjeb naraw il-budget u nitkellmu mal-Kunsill ta' Marsaskala biex naraw kemm tiġi l-istima jekk lil dawn nospitawhom f'lukanda ġewwa Marsaskala. Ġie spjegat minn Ms Decelis li l-programm inħadem bejn l-Muesac u hija, imma hu suġġett għal aktar diskussjoni. Is-Sindku talab lill Ms Decelis sabiex tipprepara *write-up* fuq dan il-lokal li ġejjin iżuruna ħalli nkunu nafu aktar fuqhom.

XGHAJRA

3.5. Tender u Kwotazzjonijiet – Is-Sindku qal li qedgħin nistennew l-offerti għal sistema tal-fotovoltajiċi kif ukoll għal coverage ta' Insurance għal tlett snin. Il-Budget tas-sistema fotovoltajika kif kien miftiehem fis-seduta preċedenti ser tlaħħaq l-€10,000,

3.6. Rigward il-Management Letter, l-Accountant Paul Bugeja tana r-risposti tekniċi u hemm oħrajn fuq il-policies. Is-suġġerimenti li tawna l-awdituri ġew evalwati u ser nagħmlu minn kollox biex insegwuhom.

3.7. Applikazzjoni tal-ERDF – Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk kienx hemm xi update fuq l-applikazzjoni. Is-Segretarju qallu li għad m'għandna l-ebda feedback u li dak ġeneralment idumu madwar tlett xhur.

3.8. Rigward l-ingaġġ ta' Skrivana full time, is-Segretarju qal li l-ETC bgħatulna l-go ahead tagħhom li nistgħu naqilbu lil preżenti skrivana part-time għal full-time. Għalhekk is-Sinjura Rita Said minn habba il-kwalifiki taghha ser tiġi maħtura bħala skrivana full time taħt skala 11 mill-1 ta' Ġunju, 2011. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u ġie ċċarat li dan l-ingaġġ mhux ser inaqqas l-ebda status mill-impjieg tas-Sinjorina Josette Camilleri. Il-Kunsill qabel li li Miss Camilleri xorta tibqa l-Assistant Segretarju (Deputat).

3.9. Rigward il-korsijiet tal-kompjuter kellna ħdax-il applikazzjoni s'issa u jidher li ser ikollna aktar sa ma jibdew il-korsijiet.

3.10. It-Transport Malta u l-Arriva – Ix-Xgħajra bħala rotta mhux ser tibqa bħal ma kienet u ser tibda tmur direttament għax-Xatt. B' din ir-riforma 2/3 tan-nies ser ikollhom aċċess mnaqqas. Meta staqsewna għall-kummenti tagħna is-sindku qal li kien hemm korrespondenza ma' l-ADT li ma naqblux u anki kien hemm meeting mas- Sur Ivan Vella fejn mhux biss oġġezzjonajna għal bdil tar-rotta imma ssuġġerejna li r-rotta għandha tiżdied billi tinkludi lil Triq l-Ispnott u b'hekk ikollna rotta ċirkulari li tinqeda x-Xgħajra kollha.

Is-Sindku qal li b'din ir-riforma kif hi ippjanata minn Arriva ser nispiċċaw għall-għar u mhux għall-aħjar. Ikun ferm diffiċli għan-nies taż-żewġ naħat tar-raħal biex imorru fuq il-Bus Stop meta jkun il-maltemp jew riħ Grigal. Il-Kunsill qiegħed jipprevedi li jkollna complaint mingħand in-nies tar-raħal u jekk ikollna ħafna naraw kif issir petizzjoni sabiex ikollna fuqhiex nitkellmu.

4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – STTP ta' Barkat

4.1. SSTP ta' Barkat – il-ftehim li għandna magħhom fuq il-landscaping huwa li jagħmlu meeting biex juruna d-disinn tal-lanscaping biex ikun approvat mill-Kunsill. Il-Kunsill huwa flessibbli u jekk iridu nistgħu mmorru aħna hemm. Fl-aħħar meeting li sar is-Sindku qal li tajjeb li jkun hemm monitoring committee biex naraw fuq ir-riħa , storbju eċċ.

Is-Sur Muscat CEO WSC huwa responsabbli ta' SSTP u fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju ser jagħtina l-programm ta' kif ser ikunu dawn il-laqgħat ta' *monitoring committees* li jkunu preżenti wkoll nies tekniċi. Is-Sindku ssuġġerixxa li jkollna persuna teknika biex taħdem fl-interess tal-Kunsill pero' din il-persuna tkun mħallsa mill-SSTP.

Din il-ħaġa tkun eżatt bħal ma sar fil-każ ta' Smart City u għalhekk il-Kunsill ikun jista' jitkellem ukoll fuq affarijiet importanti u tekniċi. Is-Sindku kompla u qal li r-riħa għadha u kkonfermat ukoll is-Sinjura Buttigieg. Is-sur Azzopardi qal li hemm bżonnn li jkun hemm dan il-monitoring committee mill-aktar fis biex niddiskutu din il-problema. Is-Sur Valvo qal li jista jkun li ġara xi fault imma mhux li r-riħa tkun persistenti kuljum. Il-Water Services Corporation aċċertawna li l-impjant jiflaħ iżomm ġo fih drenaġġ ta' għaxar (10) siegħat f'każ li jmur id-dawl.

Il-Kuntrattur tat-triq li twasslek għall-impjant minn max-xatt waqaf u x'aktarx ser ikompli bit-tarmak din il-gimgħa. It-Transport Malta qed jiġru warajhom minħabba l-boom tax-xogħol fuq l-Arriva.

5. Item Nru.5 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

5.1. Irċevejna ittra mill-MCCAA li ser isir taħriġ nhar il-21 ta' Lulju u s-Sindku staqsa jekk jistgħax imur xi ħadd għaliha.

Kellna wkoll ittra tal-libreriji sabiex nieħdu xi fondi biex intejjbu l-librerija. Għal din il-preżentazzjoni kien hemm 14- il Kunsill li m'attendewx. Is-Sindku qal li tkellem ma' Dr. Chris Said u qallu li hemm ċans li sab il-mod biex jagħtina lura l-flus neqsin li kellna mill-allokazzjoni.

6. Item Nru 6. fuq l-Aġenda – Ġie approvat u ratifikat l-infieq tax-xahar ta' Mejju, 2011

6.1. Rigward il-pagament tal-Best Print rigward l-advert ta' Jum Lapsi, tajjeb li l-Koptasin joħorġu credit note ta' l-ammont biex ikunu ħallsuhom huma kif kien mifthiem.

7. Item Nru 7. Fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1. Bħal daż-żmien il-Kunsill dejjem jorganizza BBQ għar-residenti u tajjeb li ma naqtghuwiex it-tradizzjoni. Ġie miftiehem li niġbru kwotazzjoni min għand Caterers ta' l-awkati biex jieħdu ħsieb kollox huma flok insajru aħna. Il-quotations għandhom ikunu jikkejterjaw għall-100 ruħ.

Is-Sindku qal li ta' kull sena il-Kunsill jgħin lill-iskola għal-Skola Sajf u għal din is-sena tkellem mas-surmast u tajjeb li din is-sena ngħinuhom fil-Mini Buses pero' l-iskola għadha ndeċiża jekk hux ser tagħmel l-iskola Sajf din is-sena.

XGHAJRA

7.2. Il-Kunsill qabel li tinġabar kwotazzjoni għal saqaf tal-bricks biex insaqqfu l-kamra ta' ħdejn il-meter room u issir toilet ieħor.

7.3. Ġie maqbul li ssir kompetizzjoni għat-tfal li jiktbu fuq fjura li qisa balloon tax-xewk.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Aġġornament: Il-Laqgħa ntemmet fit-8pm

Aġġornament għal-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2011 fil-11.00am.

------------------------------------- ----------------------------

Segretarju Eżekuttiv Sindku